Diċembru 2020 • Vol 27 • Nru. 4

# IL-PULIZIJA

Xogħolna u ħajjitna fil-Korp




pulizija.gov.mt

fb.com/themaltapoliceforce/

Newspaper Post





**Scholl Autumn/Winter Collection 2020** *out now.*
*Visit schollcentre.com to view the entire collection or visit one of our* **Scholl Foothealth Centres** *at:*
*The Point - Sliema, Valletta, Mosta, Fgura and Victoria -Gozo.*

*Shop online and get* **Free Delivery!***
*schollcentre.com*

**Gozo 4 Eur Courier service*

*Scholl® and the Scholl® logo, Gelactiv®, Bioprint®, Memory Cushion®, Scholl Biomechanics®, Pescura®, Party Feet® and Pocket Ballerina® are trade marks of the Reckitt Benckiser Group of companies and are used under license.*

# Editorjal

Il-Komunikazzjoni - l-ewwel objettiv fid-dokument tal-Istrateġija tat-Trasformazzjoni li ġie mniedi dan l-aħħar. Dan l-objettiv jiffoka fuq kif il-Korp irid iżid il-komunikazzjoni mal-pubbliku; b'mod ċar, konsistenti u trasparenti, imma mhux biss…

Il-komunikazzjoni terġa' tissemma' fl-għaxar objettiv tal-istrateġija, u din id-darba tiffoka fuq kif il-Korp għandu jimplimenta strateġija ta' komunikazzjoni effettiva **interna**. Li l-komunikazzjoni hija integrali biex nerġgħu nibnu jew inżidu l-fiduċja tan-nies fina, naħseb li kulħadd jaqbel dwarha. Bl-istess mod il-komunikazzjoni trid tintuża biex inżidu l-fiduċja tal-membri stess fl-organizzazzjoni. Il-membri, huma fejn huma, għandhom dritt li jkunu jafu x'qed jiġri fil-Korp, fejn qegħdin u fejn se mmorru.

Żgur li kunċetti ġodda bħall-extranet u l-grupp ta' facebook Malta Police Force Employees qed ikunu għodda utli biex il-membri jkollhom aċċess għall-informazzjoni u anke sabiex huma stess jikkomunikaw b'mod dirett mal-amministrazzjoni. Spiċċa ż-żmien li biex tkun taf li ħarġet xi sejħa interna, kont trid tistenna li tasal iċ-ċirkulari fuq karta, fid-distrett jew is-sezzjoni tiegħek.

Nagħmlu tajjeb li fejn ma naqblux jew għandna xi ilment inwassluh permezz ta' dawn il-mezzi li għandna disponibbli. Dawn l-ilmenti mhux jaqgħu fuq widnejn torox. Qed jiġu mwieġba kollha u fil-maġġoranza tad-drabi, fejn hu possibbli, qed tinstab soluzzjoni. Pero nagħmlu tajjeb ukoll li dawn il-mezzi nużawhom għal iżjed minn hekk. Kull ħaġa li tittella' fuq dawn il-mezzi, b'mod speċjali l-policies, huma ta' interess u benfiċċju għall-membri kollha.

Nagħlaq billi f'isem il-bord editorjali nawguralkom il-Milied u s-Sena t-Tajba.


## Membri tal-Bord Editorjali:

President: Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà

Editur: Spettur Rodienne Bartolo Haidon

Membri: Supretendent Jesmond Borg
Spettur David Bugeja
WPC 25 Charlene Cilia

Qari tal-Prova: Spettur Rodienne Bartolo Haidon
WPS 3 Joanna Vella
WPC 19 Daniela Grima Sultana

Il-Pulizija tirringrazzja lid-ditti u l-aġenti tar-reklamar li għoġobhom jagħtu l-għajnuna tagħhom.
L-artikli li jidhru f'dan il-magażin ma jirriflettux bilfors l-opinjoni tal-Bord. Kull korrispondenza għandha tkun ittajpjata u għandha tintbagħat fl-indirizz hawn taħt:
Editur, "Il-Pulizija", Communications Office, Police Headquarters, Floriana, VLT 2000 jew magazine.police@gov.mt

Disinn u riklamar
ABILITY PUBLICATIONS LTD.
Tel: 21 241317 e-mail: abpublicationsltd@gmail.com
Stampar
GUTENBERG PRESS


# WERREJ


05 MESSAĠĠ MILL-MINISTRU GĦALL-INTERN IS-SIGURTÀ NAZZJONALI U L-INFURZAR TAL-LIĠI

06 MESSAĠĠ MILL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA

09 IL-VJAĠĠ TAGĦNA JIBDA HAWN...

13 DAN L-AĦĦAR...

26 IL-PULIZIJA: FORZA JEW SERVIZZ?

28 POLICE OFFICERS UNION

30 CASE MANAGEMENT SYSTEM (CMS)

32 MALTA POLICE ASSOCIATION

34 TISLIMA B'DIFFERENZA LIL PC 12 JOSEPH MUSCAT

36 QUESTION & ANSWER

39 ATTIVITAJIET TA' RITORN INFURZAT MILL-PULIZIJA TA' MALTA PERMEZZ TA' FONDI EWOPEJ

40 APPREZZAMENTI U KOMMENDAZZJONIJIET LILL-PULIZIJA

43 PAĠNA GĦAT-TFAL

45 L-GĦARFIEN DWARNA NFUSNA

46 PAĠNA TAL-ISPORTS

54 INTERNATIONAL POLICE ASSOCIATION – MALTA SECTION

57 MALTA ASSOCIATION OF RETIRED POLICE OFFICERS

*Surfacing the most beautiful spaces*

Halmann
VELLA



Material: Cement Patterned Tiles. Christmas Tree by Floreal.

HALMANN VELLA LTD, The Factory, Mosta Road, Lija. LJA 9016. Malta **T:** (+356) 21 433 636 **E:** info@halmannvella.com

**www.halmannvella.com**



# MESSAĠĠ MILL-MINISTRU GĦALL-INTERN, IS-SIGURTÀ NAZZJONALI U L-INFURZAR TAL-LIĠI

Is-sena li ninsabu fiha kienet sena li ħadd ma stenna li ser tkun kif fil-fatt kienet. Pajjiżna, bħall-kumplament tad-dinja, iffaċċja pandemija li kellna nadattaw għaliha.

Iżda, dan ma waqqafniex milli nwettqu l-ħidma li kien hemm bżonn. Fil-fatt, f'dan il-messaġġ fi tmiem is-sena, irrid li nżomm l-istess  attitudni tal-aħħar xhur: determinazzjoni, ottimiżu u rieda kbira li nġibu l-bidla.

Għalija l-2020 tibqa' mmarkata bħal dik li rat il-bidu ta' trasformazzjoni fil-Korp tal-Pulizija. Trasformazzjoni li meta naslu għaliha trid tinġabar f'sentenza waħda: il-bidla minn forza tal-pulizija għal servizz tal-pulizija.

Konvint li se naslu. Se naslu għaliex intom, il-membri tal-Korp tal-Pulizija, għandkom ħafna talent. Se naslu għaliex intom nisa u rġiel bieżla li għażiltu l-uniformi biex tagħtu servizz lil pajjiżna.

Bikom il-poplu Malti għandu moħħu iktar mistrieħ.

Kif nisħaq dejjem, inutli nagħmlu ħafna pjanijiet jekk l-effett tagħhom ma jinħassx fil-qalba tal-ibliet u l-irħula. Bil-preżenza tagħkom fuq quddiem nett. Billi tterrqu fl-imsierah, it-toroq u l-isqaqien bil-għan li tipprevjenu r-reat. Dan billi tużaw l-esperjenza u l-ħila tagħkom biex nieħdu kemm jista' jkun malajr l-inizjattivi li hemm bżonn biex kemm jista' jkun inrażżnu l-kriminalità qabel tiġri.

Perfetti m'aħniex. Wara kollox min hu perfett?

Iżda, irrid ngħid li ninsab sodisfatt immens bil-ħidma mwettqa fl-aħħar xhur. Mhux biss għax in-numri juru t-tnaqqis fir-rata ta' reati kriminali. Iżda, ukoll għax il-poplu Malti seta' jara sezzjonijiet differenti jaħdmu flimkien biex jissolvew każi kumplessi. Il-Maltin setgħu jaraw il-pulizija tal-komunità jaħdmu fosthom b'mod effettiv u organizzat. Vittmi ta' reati li jkollhom ġerħa kbira setgħu jingħataw servizz aħjar b'taqsimiet ġodda li nħolqu. Komunitajiet bi sfida sabukom iktar fosthom u b'mod iktar effiċjenti. Il-pulizija kienet kruċjali biex stajna naħdmu operazzjonijiet importanti ta' rilokazzjoni ta' immigranti lejn pajjiżi oħra. Fl-eqqel ta' pandemija kienu infurzati b'mod tajjeb regoli li bdew jinbidlu minn żmien għal żmien.

Dan hu Korp tal-Pulizija ħaj determinat li jikseb ir-riżultati. Dan hu l-Korp tal-Pulizija li rrid jien.  Wasalna? Dażgur li le. Dan hu biss il-bidu.

Għandna strateġija quddiemna li rridu nimplimentawha fiż-żmien li ġej, li intom se tkunu l-qofol tagħha. Strateġija li taħseb fikom u l-ambjent li taħdmu fih daqskemm fis-soċjetà. Strateġija li meta tkun implimentata intom tkunu sodisfatti iktar fuq xogħolkom u ċ-ċittadin jinqeda aħjar. L-2020 kienet il-bidu. Fl-2021 se nkomplu nibnu. Is-sena d-dieħla trid tkun is-sena eċċitanti biex nagħmlu minn ħidmietkom servizz tal-aqwa livell għall-Maltin u l-Għawdxin kollha. ✱



# MESSAĠĠ MILL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA

## In-New Normal għall-Korp tal-Pulizija

Tmiem is-sena huwa żmien ta' riflessjoni fejn fiħ nieqfu u naħsbu fuq dak li nkunu għaddejna minnu fl-aħħar tnax-il xahar filwaqt li nsejsu pjanijiet ċari għal li ġej.

Kull sena tħalli t-timbru partikolari tagħha pero min kellu jgħidilna li l-COVID-19 kienet se tħalli ħerba sħiħa warajha matul l-2020? Spiċċajna kellna naddattaw għal dak li l-mediċi bdew jirreferu għalih bħala n-New Normal.

Bħal f'okkażjonijiet oħra, il-Korp kien, għadu u ser jibqa' protagonist assolut f'dan il-perjodu ta' sfida. F'isem il-poplu Malti ngħid grazzi lil kull wieħed u waħda minnkom li b'xi mod jew ieħor qed tgħinu biex kemm jista' jkun nassiguraw li l-pubbliku jaddatta ruħu għal din ir-realtà ġdida bil-għan li nrażżnu t-tixrid tal-pandemija.

Apparti responsabbiltajiet ġodda marbuta mal-infurzar tar-regolamenti tal-COVID-19, f'dawn l-aħħar xhur il-Korp tal-Pulizija beda wkoll jaddatta għal realtà ġdida fl-operat tiegħu. Bil-pubblikazzjoni ta' Strateġija ta' Trasformazzjoni f'Settembru li għadda, illum il-Korp għandu viżjoni ċara fejn irid ikun sa ħames snin oħra. Fuq quddiem nett irridu li l-komunità tafdana sabiex nassiguraw soċjetà sigura għal kulħadd.

Il-fiduċja tinbena fuq perjodu ta' żmien u wara li dak li jkun jibda jesperjenza dak li jaspira. Dan tagħna huwa tassew Korp effettiv fejn fl-aħħar tliet snin irnexxielu jrażżan ir-rata tal-kriminalità b'għaxra fil-mija (10%) minkejja li l-opportunitajiet għar-reati żdiedu. Fl-istess waqt l-uffiċjali investigattivi tagħna rnexxielhom isolvu reati serji u kumplessi. Perfetti m'aħniex pero tassew għandna għax inkunu kburin b'dan il-Korp.

Irridu issa allura naddattaw għan-new normal fl-operat tagħna. Din ir-realtà ġdida tiskatta mill-Mission Statement tal-Korp li tenfasizza servizz professjonali u fdat bi sħab mal-komunità.

Bdejna naddottaw miżuri li jagħmluna aktar professjonali. Saħħaħna l-komunikazzjoni mal-pubbliku kif ukoll ma' stakeholders partikolari filwaqt li l-media narawha aktar bħala sħab kruċjali f'xogħolna. Fl-istess waqt bdejna nsaħħu l-kontabbiltà b'diversi miżuri inkluż bit-twaqqif ta' Internal Audit Department kif ukoll bil-pubblikazzjoni ta' diversi policies partikolarment Kodiċi ta' Etika ġdid li jirrifletti realtijiet ġodda tal-lum u anke policy kontra l-frodi u l-korruzzjoni fil-Korp. Iċ-ċaqliq fil-Korp beda jsir b'mod aktar strutturat filwaqt li embarkajna fuq proċess ta' skrutinju intensiv fuq membri tal-Korp li jimxu għal skwadri speċjalizzati.

Il-professjonalità fil-Korp teħtieġ ukoll l-operat ta' sistemi teknoloġiċi li jiffaċilitaw xogħolna u, filwaqt li l-Korp għaddej b'numru ta' proġetti, inkluż dawk kofinanzjati minn fondi Ewropej, fl-aħħar ġimgħat introduċejna sistema ġdida għall-pulizija fit-Taqsimiet tat-Traffiku u tal-RIU li permezz tagħha wieħed ikun jista' jivverifika dettalji ta' individwi u vetturi. Fl-istess waqt iċ-ċitazzjonijiet bdew jinħarġu b'mod diġitali. Fil-ġimgħat li ġejjin sejrin nintroduċu wkoll il-body cameras għal aktar trasparenza u kontabbiltà f'xogħolna kif ukoll għal titjib fl-evidenza li nġibu quddiem il-qrati.

Matul l-2020 komplejna nissaħħu mhux biss bir-reklutaġġ ta' kuntistabblijiet u spetturi ġodda iżda wkoll bl-ingaġġ ta' professjonisti pajżana, inkluż crime analysts li dawn għandhom ikunu pedina importanti sabiex ftit ftit nibdew

inħaddnu aktar il-kunċetti ta' intelligence-led policing. Dan bil-għan li mhux biss insolvu reati imma saħansitra niprevjenuhom. Il-professjonalità tirrikjedi wkoll li ntejbu l-ħajja tal-membri tagħna. Fl-aħħar xhur u snin sar u ser jibqa' jsir investiment kbir biex il-post tax-xogħol u l-għodda li naħdmu bihom ikunu adekwati. Biss l-investiment tal-Korp mhux qed isir biss fuq proġetti kapitali iżda wkoll fuq servizzi li jtejbu s-saħħa mentali u fiżika ta' kull wieħed u waħda minna.

Apparti l-professjonalità mistennija minna, il-Mission Statement aġġornata tal-Korp tenfasizza l-ħtieġa biex naħdmu bi sħab mal-komunità. L-organizzazzjoni tagħna teżisti biex nipprovdu servizz lill-poplu Malti u Għawdxi kif ukoll lil dawk li jżuru pajjiżna. Dan is-servizz jista' jkun wieħed effettiv biss jekk konkretament nagħtu vuċi lill-komunità fl-operat tagħna sabiex b'hekk inkunu aktar proattivi f'xogħolna. Din is-sħubija mal-komunità hija l-aktar evidenti fil-proġett tal-Community Policing li varajna s-sena l-oħra u li din is-sena estendejnieh għal tnax-il lokalità.

Is-suċċess miksub minn dawn it-timijiet huwa evidenza ċara kemm il-pubbliku jrid jaħdem fi sħab magħna. Għaldaqstant il-Korp qed jaħdem fuq pjan ta' estensjoni ta' dan il-proġett biex fuq medda ta' snin inkunu koprejna gżiritna fit-totalità tagħha. Dawn l-uffiċjali jridu jaħdmu id f'id mhux biss mal-komunità iżda fuq kollox mal-kollegi tagħhom fid-distrett u mas-sezzjonijiet speċjalizzati. Huwa b'dan il-mod biss li nistgħu noħolqu sinerġija fejn il-parti ta' kull wieħed u waħda minna jkollha kontribut ferm akbar meta tifforma parti minn strateġija ħolistika.

Il-wegħda tiegħi lejkom u lejn il-poplu Malti u Għawdxi hija li nagħmel ħilti kollha sabiex il-Korp tal-Pulizija jaddatta kemm jista' jkun għal dan in-new normal fl-operat tiegħu. Ser issibu fija Kummissarju b'enerġija u entużjażmu sabiex dan il-proġett ta' trasformazzjoni nimmaterjalizzawh flimkien fix-xhur u s-snin li ġejjin sabiex b'hekk ilkoll kemm aħna nkunu tassew kburin li nagħmlu parti mill-Korp tal-Pulizija Malti.

Filwaqt li mill-ġdid nirringrazzja lil kull wieħed u waħda minnkom għall-ħidma fejjieda tagħkom, nagħlaq billi nawgura lilkom u lill-għeżież tagħkom il-Milied u s-sena t-tajba mimlijin b'dak kollu li tixtieq qalbkom, fuq kollox il-paċi.

DOMINE DIRIGE NOS




PAY ANYONE
FROM ANYWHERE
Banking at your fingertips with the BOV Mobile App
PAYMENTS
Move Money between Accounts
Pay a Bill
Mobile to Mobile Payment
Mobile Top up
Pay Third Party
My Financials
Payments
Pending
More
GET IT ON Google Play
Download on the App Store
Talk to us | 2131 2020 | bov.com
Issued by Bank of Valletta p.l.c., 58, Triq San Żakkarija, Il-Belt Valletta VLT 1130. Bank of Valletta p.l.c. is a public limited company regulated by the MFSA and is licensed to carry out the business of banking in terms of the Banking Act (Cap. 371 of the Laws of Malta).
BOV mobile

# IL-VJAĠĠ TAGĦNA JIBDA HAWN...

Uffiċċju Strateġija ta' Trasformazzjoni

L-għan ewlieni ta' din l-Istrateġija ta' Trasformazzjoni tal-Korp tal-Pulizija, hija li fi ftit snin nibdew nirreferu għall-pulizija bħala **Servizz tal-Pulizija** u mhux iktar **il-Korp tal-Pulizija ta' Malta**. Fil-ħames snin li ġejjin se nkunu qed nimplimentaw din it-trasformazzjoni flimkien mal-Bord tal-Governanza, mal-PWC li hija kumpanija ta' fama internazzjonali magħżula biex tassisti lill-Pulizija matul dan il-vjaġġ, flimkien mal-pubbliku biex finalment ikollna Korp imġedded li joffri servizz liċ-ċittadin. Dan jista' jkun suċċess dejjem jekk kull membru jkun parti minn din it-trasformazzjoni u jifhem eżatt li dan il-vjaġġ se jwassal biex kull membru jħossu kburi aktar minn qatt qabel li hu parti mill-istess Korp. L-implimentazzjoni ta' din l-Istrateġija ta' Trasformazzjoni tikkonsisti fi tliet għanijiet ewlenin, minnhom infushom maqsuma fi 11-il għan u li jirrikjedu 49 azzjoni.

L-Istrateġija hija intenzjonata li tilħaq tliet (3) riżultati prinċipali:
(1) Inżidu l-fiduċja fil-Korp tal-Pulizija, kemm internament, kif ukoll esternament;
(2) Nittrasformaw il-Korp f'organizzazzjoni aktar flessibli u effiċjenti;
(3) Insostnu r-riforma permezz ta' prattiċi maniġerjali effettivi u effiċjenti,

Aħna rridu wkoll li nbiddlu l-pulizija f'organizzazzjoni flessibbli, effiċjenti, immexxija skont l-esiġenzi taż-żminijiet fil-komunità u f'organizzazzjoni li taħdem b'għan li tikseb ir-riżultati bix-xogħol tagħha. Din se tkun il-pedament għal servizz tal-pulizija b'lenti moderna kif jixraqlu kull ċittadin Malti. L-innovazzjoni u l-bidliet pożittivi li jirriżultaw minn din ir-riforma se jwassal għal tmexxija professjonali u prattiċi li huma kemm effettivi kif ukoll effiċjenti. L-azzjonijiet li rridu nimplimentaw biex din il-bidla sseħħ jeħtieġu kuraġġ kbir li forsi mhux faċli wieħed isib wara snin sħaħ ta' tmexxija tradizzjonali bħala Korp tal-Pulizija. F'daqqa waħda qed nitkellmu li rridu nilħqu l-livell ta' Servizz. B'ħidma konġunta ma' kull min huwa interessat li din il-bidla ssir, il-metadoloġija ta' kif isiru l-affarijiet b'mod tradizzjonali titwarrab u nkunu nistgħu nwasslu l-bidla proposta.

Nammettu li l-bidla mhux dejjem tiġi faċli anzi hija fin-natura tal-bniedem li jopponi u jirreżisti kull tip ta' bidla. L-Amministrazzjoni tal-Pulizija hija determinata li tadotta din ir-riforma fl-intier tagħha u li ma tibqax fuq l-ixkaffa bħalma ġara bi strateġiji oħra fil-passat. Għalhekk il-Kummissarju flimkien mad-dipartiment tal-Istrateġija u t-Trasformazzjoni beda l-pjan li ninżlu fiżikament f'kull distrett u sezzjoni biex nisimgħu dak kollu li għandkom x'tgħidulna u nassigurawkom








li qegħdin mhux biss nisimgħu iżda b'aktar enerġija naġixxu. **Building the Bridge** huwa eżerċizzju li beda u li se jitkompla anki b'mezzi oħra bħall-ftuħ tal-insights office fix-xhur li ġejjin. Ir-rieda li niksbu din il-bidla hija riflessa wkoll fil-fatt li għażilna li nippubblikaw din l-istrateġija sabiex tkun aċċessibli għall-pubbliku, għas-soċjetà ċivili, għall-akkademiċi u għall-membri tal-Pulizija ta' Malta biex ikunu jistgħu jsegwu t-tmexxija responsabbli dwar l-implimentazzjoni tal-bidla tal-Korp tal-Pulizija. Għalhekk inħeġġu lilkom kollha biex tkunu familjari ma' din ir-riforma ta' trasformazzjoni, fejn kulħadd għandu jkollu sehem minn din il-bidla u fl-aħħar mill-aħħar inkunu nistgħu nħossuna kollha kburin li dan il-vjaġġ imxejnieh ilkoll flimkien.

Irridu nwaqqfu strutturi sodi biex mal-milja tas-snin li ġejjin wara li sseħħ din it-trasformazzjoni nassiguraw kontinwità u dan irrispettivament minn min ikun qiegħed fit-tmun tal-Korp tal-Pulizija. Matul is-snin, il-Pulizija ta' Malta rnexxielha tikseb riżultati mill-aqwa anke fi żminijiet diffiċli. Il-Korp tal-Pulizija huwa mimli b'bosta uffiċjali kapaċi f'kull rank madankollu, anke l-aħjar individwi mhumiex permanenti u aħna b'din l-istrateġija rridu l-kapaċitajiet ma jintilfux u ma jkunux marbuta mal-individwi, imma jkunu preżenti b'mod permanenti. Irridu noħolqu stabilità u kontinwità. Huwa għal din ir-raġuni li rridu nistabbilixxu sistemi li huma bbażati fuq strutturi b'pedamenti sodi, li jipprovdu dak li hu xieraq u dak li jistħoqqlu l-poplu Malti. Din l-istrateġija se tqiegħed is-sisien għall-immodernizzar tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta. Trasformazzjoni li twassal lill-pulizija biex tilħaq livelli ogħla u li forsi normalment imdorrijin narawhom fi strutturi privati.

L-istrateġija tinkludi bosta proposti ambizzjużi li jirrappreżentaw bidla fil-kultura, fit-tmexxija, fid-dehra u fil-ħsieb ta' kuljum, mhux biss ta' dawk li jilbsu l-uniformi, imma l-iktar importanti tal-mod li bih il-klijenti tagħna ser jibdew iħarsu lejna. Xi proposti jistgħu jirrikjedu iktar mingħand kull membru u jmorru lil hemm minn dak li s-soltu wieħed ikun imdorri joffri waqt il-qadi ta' dmirijietu. Dik ix-xi ħaġa iktar, minn għand kull wieħed u waħda minnha biex nilħqu dak li forsi fil-passat kien jidher tant 'il bogħod, illum huwa tant viċin u jista' jinkiseb.

Ilkoll irridu dawn il-bidliet, bis-saħħa ta' strutturi u proċeduri xierqa f'posthom u ta' motivazzjoni f'kull livell ikollna pulizija aħjar. Dan se jkun ifisser iktar sigurtà ġewwa pajjiżna u iktar serħan il-moħħ għall-pubbliku. Dan is-serħan il-moħħ jirrifletti tajjeb kemm mal-Maltin u kemm ma' dawk li għażlu lil pajjiżna bħala l-post minn fejn jiksbu l-għixien tagħhom. L-istess bidla fl-istruttura tal-Korp se twassal biex ikollna Korp iktar motivat, iktar professjonali, iktar dinamiku u mġedded sal-punt li jagħti fiduċja lil kulħadd. Biex dan kollu jinkiseb se jkun hemm investimenti f'teknoloġiji ġodda u investiment fir-riżorsi speċjalment f'dawk li huma riżorsi umani. Mhux se jkun vjaġġ faċli imma żgur li se jkun siewi. Ladarba niksbu r-riżultati mixtieqa, il-komunitajiet kollha ser jibbenefikaw, il-fiduċja tal-pubbliku fil-pulizija tiżdied u aħna kollha nkunu kburin bil-kisbiet tagħna.


JOHNNIE
200 YEARS
JOHNNIE WALKER
BLACK
BLENDED SCOTCH WHISKY
200 YEARS
KEEP WALKING
AGED 12 YEARS
LIMITED EDITION DESIGN
ESTº 1820
KEEP WALKING
WALKER
M.DEMAJO
(Wines & Spirits) Ltd.
drinkawaremalta.com
for the facts



# M'intix waħdek fit-triq

**Uża l-indicator fir-roundabout, meta taqleb il-karreġġjata jew tkun se tikser.**

tm
Transport Malta

MALTA ROAD SAFETY COUNCIL

MINISTRY FOR TRANSPORT, INFRASTRUCTURE AND CAPITAL PROJECTS

# DAN L-AĦĦAR...

minn WPC 25 Charlene Cilia – Uffiċċju tal-Komunikazzjoni

Fl-10 ta' Settembru 2020, ġewwa l-Imdina, il-Korp tal-Pulizija saħħaħ is-sezzjoni tal-Community Policing b'għaxar roti elettriċi, u dan grazzi għall-inizjattiva meħuda bejn l-Aġenzija tal-Programm b'Investiment Individwali (IIP) u l-Korp tal-Pulizija.

Il-konferenza stampa ġiet indirizzata mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi Byron Camilleri u s-Segretarju Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet Alex Muscat. Fid-diskors tiegħu, il-Ministru Camilleri ħabbar li l-pjan hu li l-Community Policing tidħol ukoll f'aktar lokalitajiet u spjega kif din hija t-triq 'il quddiem għall-Korp tal-Pulizija.



Is-Segretarju Parlamentari għaċ-Ċittadinanza u l-Komunitajiet Alex Muscat sostna li l-fondi li ngħataw f'investiment qed iwasslu biex il-komunitajiet igawdu minn servizzi aħjar u iktar mifrux.

---

Fl-14 ta' Settembru, 2020, ġie ffirmat MoU li joffri għajnuna ħolistika lill-vittmi tal-vjolenza domestika. Il-ftehim ġie ffirmat mill-Legal Aid Malta, il-Fondazzjoni għall-Ħarsien tas-Servizzi Soċjali (FSWS) u l-Victim Support Unit fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

Dan l-MOU se jkun qed jara li l-vittmi tal-vjolenza domestika jiġu pprovduti b'għajnuna li l-proċess tagħha jibda mill-mument li l-vittma tirrapporta r-reat u jibqa' għaddej sa meta l-persuna tkun lesta biex terġa' toħroġ fis-soċjetà.






Bħala parti mill-ġimgħa ddedikata lis-Servizz Pubbliku, nhar is-16 ta' Settembru, 2020, il-Kap taċ-Ċivil is-Sur Mario Cutajar żar diversi sezzjonijiet fi ħdan il-Korp tal-Pulizija. Iż-żjarat bdew ġewwa l-Imtarfa fejn iltaqa' mal-membri tal-Community Policing u flimkien mal-Ispettur Juan Mula ġie diskuss l-operat ta' din is-sezzjoni. Minn hemm kompla ż-żjara tiegħu ġewwa Ta' Kandja fejn iltaqa' ma' membri mir-Rapid Intervention Unit u assista għal simulazzjoni mtellgħa mill-membri tal-Ispecial Intervention Unit.

Minn hemm kien imiss li ż-żjara tkompli ġewwa d-Depot tal-Pulizija, propju fis-sezzjoni tal-International Relations Unit. Hemmhekk ġie spjegat l-operat ta dawn l-uffiċini. Wara mexa lejn is-Cyber Crime Unit fejn minbarra li ġie diskuss ix-xogħol ta' dan id-dipartiment, ingħata wkoll aġġornament fuq il-proġett ta' uffiċini ġodda għas-sezzjoni tas-Cyber Crime li huwa ffinanzjat mill-EU.

Meta ż-żjarat ġew fit-tmiem, is-Sur Cutajar ġie mistieden għal laqgħa ġewwa l-Uffiċċju tal-Kummissarju.










NEW PEUGEOT 208
CAR OF THE YEAR 2020
CAR OF THE YEAR 2020
HX-080-WT
ELECTRIC / PURETECH PETROL / BLUE HDI DIESEL
PEUGEOT 3D i-Cockpit®
8-SPEED AUTOMATIC GEARBOX
MOTION & e-MOTION
PEUGEOT
Michael Attard Ltd, National Road, Blata l-Bajda T: 21238854 M: 79406607 E: sales@michaelattard.com W: www.peugeot.com.mt


enemed
powering your drive
powering your drive
enemed
CLEANER, SAFER & SUPERIOR QUALITY FUELS
e POWER e DIESEL e POWER e UNLEADED
enemed.com.mt


Loacker.
The heart of chocolate.
Loacker
NAPOLITANER
CREMKAKAO
DARK-NOIR
MILK
WHITE
With a secret inside.
Loacker Chocolate: a unique heart, a unique recipe.
Let yourself be tempted by this delicate delight.
Loacker, pure goodness!
Loacker
Loacker Malta

Okkażjoni ħelwa, pero li ġiet wara esperjenza kemxejn qarsa hija l-għotja ta' soft toys partikolari lil Thomas Tonna, it-tifel tal-kollega mibki Ryan Tonna. Partikolari għaliex? Partikolari għax dawn is-soft toys huma magħmula propju mill-qomos tal-unifomi ta' Ryan.




Blue Line Bears hija organizzazzjoni li tinsab ġewwa l-Amerika u l-għan tagħha huwa li tgħin u tferraħ lil dawk it-tfal li l-ġenituri tagħhom kienu Pulizija. Meta xi ħadd minn dawn il-ġenituri jiġi nieqes huma bħala organizzazzjoni joħolqu teddy bears bl-uniformi ta' dan l-uffiċjal u jtuħ lit-tfal tiegħu jew tagħha bħala rikordju.

Kollegi ta' seħibna Ryan ħadu ċ-ċans u għamlu kuntatt ma' din l-organizzazzjoni, bagħtu l-qomos tal-uniformi ta' Ryan, spjegaw l-istorja tiegħu u t-talba ġiet milqugħa. Minn hemm saru l-arranġamenti meħtieġa sabiex dawn is-soft toys jaslu Malta mill-Amerika, u b'hekk il-kollegi ta' Ryan irnexxielhom joħolqu tifkira ferm ħelwa li ġabet tbissima fuq wiċċ Thomas.

Thomas ġie mistieden flimkien mal-familja tiegħu mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafà, nhar is-17 ta' Settembru, 2020 ġewwa l-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija. Hemmhekk sab jistennewh lill-kollegi tal-papà tiegħu Ryan u magħhom kien hemm erba' teddy bears. Ir-ritratt ta' hawn fuq jitkellem waħdu.

---

Fil-ħames snin li ġejjin, il-Korp tal-Pulizija se jkun qed jgħaddi minn trasformazzjoni. Din it-trasformazzjoni ġiet imnedija pubblikament nhar il-25 ta' Settembru, 2020.




Il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi Byron Camilleri spjega li b'din l-istrateġija l-Korp tal-Pulizija għandu viżjoni mġedda li taħdem għall-fiduċja tal-Korp biex nassiguraw soċjetà sigura għal kulħadd.

Il-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà spjega li l-pubblikazzjoni ta' din l-istrateġija li tkopri l-ħames snin li ġejjin tibgħat sinjal b'saħħtu li minkejja li fil-maġġor parti xogħolna huwa wieħed reattiv, jekk verament irridu nibqgħu relevanti f'soċjetà dinamika u moderna, hemm il-ħtieġa li nippjanaw aktar b'mod strateġiku.

Aktar informazzjoni fuq din l-istrateġija ssibuha wkoll fl-artiklu li jinsab f'paġna 9 ta' dan il-magażin, filwaqt li kopja ta' din l-istrateġija tinsab aċċessibli fuq is-sit www.pulizija.gov.mt



Fit-2 t'Ottubru, 2020, f'ċerimonja ppreseduta mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi Byron Camilleri u mill-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Angelo Gafà, 10 Spetturi tal-Pulizija ngħataw il-ħatra fil-grad ta' Supretendent tal-Pulizija. Tnejn minn dawn is-supretendenti huma nisa.

Il-Ministru ħeġġeġ lis-supretendenti l-ġodda biex iżommu f'moħħhom l-azzjonijiet kif ukoll l-għanijiet tal-Istrategija ta' Trasformazzjoni tal-Korp tal-Pulizija waqt ħidmiethom. Il-Kummissarju tal-Pulizija ħeġġeġ lis-supretendenti biex jinkoraġġixxu lil kull membru tal-Korp biex jaħdmu fuq din l-istrateġija u dak li hemm miktub fiha jiġi trasmess fix-xogħol tagħhom. Is-Sur Gafà fakkar li n-nies qed jistennew ħidma min-naħa tal-Pulizija u għalhekk irridu nuru li l-ħeġġa fix-xogħol ma tiqafx fit-tmiem il-ħin tax-xogħol, iżda tibqa' għaddejja bla waqfien. "Jekk il-poplu jżid il-fiduċja fil-Korp, iktar tħossukom kburin li qed tilbsu l-uniformi".

Ningħaqdu mal-Ministru u l-Kummissarju u nawguraw lis-Supretendenti l-ġodda għal dan il-pass importanti fil-karriera tagħhom.

---

Wara li l-proġett pilota ta' Community Policing kien suċċess, dan wassal sabiex jiġi estiż f'diversi lokalitajiet oħra madwar Malta. Il-Pulizija tal-Komunità bdew jaħdmu fi 11-il lokalità oħra. B'ħames timijiet ġodda, issa l-pulizija għandha sitt timijiet li qed jaħdmu fi tnax-il lokalità.

F'ċerimonja li saret nhar it-13 t'Ottubru, 2020 ġewwa l-Fgura, f'binja li tħejjiet apposta għal dan is-servizz, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi Byron Camilleri spjega li issa li dawn il-Pulizija tħarrġu u bdew jaħdmu fil-lokalitajiet magħżula, bdiet konsultazzjoni biex il-proġett jinfirex f'lokalitajiet oħra. L-għan tal-Pulizija tal-Komunità hu li ċ-ċittadin iħossu sigur, mismugħ u moqdi.

Il-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà qal li dawn it-timijiet huma komposti minn fost l-aktar nies dedikati li għandna fil-Korp. Huwa kompla jispjega li fil-maġġor parti tagħhom dawn il-pulizija huma żgħażagħ entużjasti u b'enerġija liema bħala li mistennija jwettqu dmirhom bħala pulizija tal-komunità.

Il-lokalitajiet fejn dan il-kunċett issa beda jaħdem uffiċjalment huma l-Belt Valletta, il-Furjana, Marsaxlokk, Birżebbuġa, ir-Rabat, l-Imdina, Ħad-Dingli, Pembroke, is-Swieqi u l-Fgura. Magħhom hemm il-Mellieħa, li kienet il-lokalità fejn sar il-proġett pilota.



PARK TOWERS
SUPERMARKETS

Happy Festivities

FREE CUSTOMER PARKING

REGULAR SHOPPING HOURS

| MON - WED | THU - FRI | SAT | SUN |
|---|---|---|---|
| 08:00 to 20:00 | 08:00 to 21:00 | 07:30 to 20:00 | 09:00 to 14:00 |

CHRISTMAS EXTENDED SHOPPING HOURS

| SUNDAYS (DEC) | TUE 8TH DEC | THU 24TH DEC | FRI 25TH DEC | THU 31ST DEC | FRI 1ST JAN | THU 2ND JAN |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 08:00 to 18:00 | 08:00 to 20:00 | 08:00 to 18:00 | CLOSED | 08:00 to 18:00 | CLOSED | 08:00 to 20:00 |

**Psaila Street, Santa Venera**
t. 2148 0807

**Gorg Borg Olivier Street, St Julian's**
t. 2137 8520

**Spinola Park, St Julian's**
t. 2138 1055

www.myparktowers.com

SIG

# THE WORLD'S TOP FIREARMS BRAND. MADE IN THE U.S.A.

## SIG P365 SAS

9x19

€849




Introducing the game changing P365, winner of multiple 'Handgun Of The Year' awards. The SAS (SIG Anti Snag) variant takes the already excellent P365 to another level. With tritium sights recessed into the slide, aiming is fast and natural.

## P320 X5 LEGION

9x19

€1,299



The perfect balance of added weight and features make this new SIG one of the best sport shooting pistols on the market. You would have to spend much more on competition to match the performance of the P320 X5 Legion.




## SIG M400 TREAD

5.56x45

€1,299

There has never been a better time to be in the market for an AR style rifle. Included in the price is the ROMEO5 TREAD, an extremely durable 2 MOA red dot, specifically made to complement the M400 TREAD. An exceptional price for SIG quality.

TREAD

Lock, Stock & Barrel

LOCK, STOCK & BARREL Gunshop
Phoenix Business Centre, Triq il-Blata l-Kahla, Sta. Venera SVR 9022, Malta
Tel: 2148 0118 • Mob: 9947 1091
e-mail: info@lsb-malta.com • web: www.lsb-malta.com




Bħal kull sena fix-xahar ta' Novembru niftakru f'dawk il-kollegi pulizija li m'għadhomx magħna. U b'hekk fl-1 ta' Novembru 2020 ġewwa l-Kappella taċ-Ċimiterju tal-Addolorata ġiet ikkonċelebrata quddiesa kif ukoll tqegħid ta' fjuri fuq il-qabar tal-Pulizija.

Għal din l-attività kienu preżenti l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi Byron Camilleri kif ukoll il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafà flimkien ma' uffiċjali għolja fi ħdan il-Korp tal-Pulizija.

Din l-attività saret ukoll ġewwa Għawdex, fl-14 ta' Novembru 2020. Attendew kemm il-Ministru Byron Camilleri flimkien mal-Kummissarju Angelo Gafà. Wara li saret quddiesa ġewwa l-kappella li tinsab fl-Għassa tar-Rabat, saret ukoll ċelebrazzjoni qasira fuq il-qabar tal-Pulizija li jinsab fiċ-Ċimiterju ta' Santa Marija ġewwa x-Xewkija, Għawdex.

---

L-Għassa tal-Pulizija li tinsab Marsalforn, Għawdex, inbidlet għal waħda moderna li tilqa' b'mod aħjar lil dawk li jkun jeħtieġ użawha. Minbarra xogħlijiet li saru fil-binja li jinkludu titjib fl-infrastruttura u anke investiment fit-teknoloġija, din l-għassa saret aċċessibbli għal kollox għal persuni bi bżonnijiet speċjali.

Akkumpanjati mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Angelo Gafà, il-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi Byron Camilleri flimkien mal-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri żaru l-post u esprimew sodisfazzjon għal kif ix-xogħol li sar ikkumplimenta dak li sar fiż-żona li hi frekwentata minn eluf ta' persuni b'mod partikolari fix-xhur tas-Sajf.
Il-Ministru Byron Camilleri spjega kif filwaqt li l-viżjoni hi li jkollna iktar pulizija fit-toroq u qrib iċ-ċittadin, pero fejn hemm għases miftuħa dawn iridu jkunu ta' livell li jixraq.



Il-Ministru għal Għawdex Clint Camilleri qal li dan il-proġett ifisser titjib fl-ambjent fejn jaħdmu dawn il-pulizija. Huwa spjega li b'dawn l-investimenti jkun qed jibbenefika wkoll il-pubbliku inġenerali. Huwa temm billi rringrazzja lill-Ministru Byron Camilleri li fil-pjan ta' mmodernizzar tal-għases tal-pulizija qed jagħti importanza wkoll lill-għases f'Għawdex.

Fis-26 ta' Novembru, 2020, waqt ċerimonja ppreseduta mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzartal-Liġi Byron Camilleri, kif ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà, 200 uffiċjal ingħataw midalja għal servizz twil u effiċjenti.
71 membru ngħataw il-midalja ta' 18-il sena servizz, 114-il membru u eks-membri tal-Korp ingħataw l-ewwel clasp li tingħata mal-25 sena servizz u 15-il membru u eks-membri ngħataw it-tieni clasp, litingħata mat-30 sena servizz.



F'kelmtejn tal-okkażżjoni, il-Ministru Byron Camilleri qal li wieħed li jaħdem għal pajjiżu u f'isem il-pajjiż hija waħda mill-ikbar kisbiet li jista' jkollok f'ħajtek. Filwaqt li feraħ lil kull membru li ngħata l-midalja, faħħar il-ħidma eżemplari tal-uffiċjali u fakkarhom fir-responsabbiltà u valuri li ġġor magħha l-uniformi.
Il-Kummissarju qal li ż-żmien li qegħdin ngħixu fih huwa żmien straordinarju, imma xorta waħda għad hemm l-entużjażmu f'dawn l-uffiċjali minkejja s-snin twal li ilhom fis-servizz.

Fl-istess ġurnata wkoll ġew promossi fil-kariga ta' surġent 35 kuntistabbli. Dan sar f'ċerimonja ġewwa il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, li kienet ippreseduta mill-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi, Byron Camilleri flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija Angelo Gafà.
Fil-messaġġ tiegħu l-Ministru Camilleri ħeġġeġ lis-surġenti l-ġodda biex ikunu ta' eżempju għall-kollegi l-oħra. Saħaq sabiex ma jistriħux għax issa saru surġenti, anzi jkomplu l-passi tagħhom sabiex ikabbru l-karriera fil-Korp.



Il-Kummissarju Angelo Gafà spjega li l-Korp tal-Pulizija m'għadux Korp immexxi mill-Kummissarju waħdu. Qal ukoll li biex il-pubbliku jafda iktar lill-pulizija, is-surġenti l-ġodda għandhom rwol importanti fejn tidħol il-kontabbilità.

---

Il-Korp tal-Pulizija ppubblika Kodiċi tal-Etika ġdid b'numru ta' policies interni.
Fit-tnedija ta' dawn l-inizjattivi l-Ministru għall-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tal-Liġi Byron Camilleri tenna li dawn isegwu għadd ta' inizjattivi oħra li fost oħrajn għandhom ikomplu jagħmlu mill-Korp tal-Pulizija post tax-xogħol ġust u attraenti. Il-Ministru fakkar li dawn il-bidliet isegwu t-tnedija tal-Istrateġija ta' Trasformazzjoni tal-Korp tal-Pulizija li kienet ippubblikata f'Settembru li għadda. Waqt il-konferenza tal-aħbarijiet il-Kummissarju tal-Pulizija ta spjegazzjoni ċara ta' xi tfisser kull policy addottata u l-għan li din maħsuba tindirizza. Is-Sur Gafà qal li l-Kodiċi tal-Etika tal-pulizija kien aġġornat wara 18-il sena u ddeskrivieh bħala dokument ħaj li jrid jibqa' jiġġedded u jinbidel maż-żmien. Huwa spjega li dan id-dokument għandu jiġi aġġornat minn tal-inqas kull ħames snin sakemm ma jkunx hemm il-ħtieġa li jinbidel qabel.




PJAZZA REĠINA
VALLETTA
Everybody's Centrepiece
DELICATA
Family Winemaker
Since 1907
/DELICATA WINERY
WWW.DELICATA.COM


db San Antonio
HOTEL + SPA
ALL-INCLUSIVE STAYS
starting from
per person €40 per night
KIDS STAY FREE*
Reserve your stay on
(+356) 2350 3204/5
*Terms & Conditions Apply


SCICLUNA ENTERPRISES LTD.
SKF
ADDINOL
THE ART OF OIL · SINCE 1936
Specialising in POWER TRANSMISSION SUPPLIES for all industries
Bearings
Sprockets
Lubricants
V & Timing Belts
Couplings
Adhesives
Tools
Chains
Scicluna Enterprises Ltd., 165, Congress Road, Mosta - MST 9036, Malta • E.mail: info@sciclunaenterprises.com • Tel: +356 21 432 992, 21 432 997 • Fax: +356 21 432 899


FREIGHT TRANSPORTATION
A partner that offers a personalised service.
BAS
A MEMBER OF THE CASSAR & COOPER GROUP
E: sales@basmalta.com
T: +356 2558 4899
FULLY INTEGRATED LOGISTICS SOLUTIONS

# WHAT'S IN A BOMB?

## A look at how precursor chemicals are regulated in Europe

There have been many reports in recent years of illegally manufactured explosives in Europe, with some cases being unfortunately reported here in Malta. These explosives are, for the most part, illegally manufactured by the general public using freely available chemical precursors with very legitimate uses.

Discussions at European Union level have taken place with a view to introducing measures that would significantly reduce the illicit manufacturing of explosives by the public or ideally eliminate them entirely. The Commission, in collaboration with Member States has drafted a set of regulations with the aim of ensuring such chemicals are used solely for their intended use, and not to serve illicit purposes.

Regulation (EU) 1148/2019 "on the marketing and use of explosives precursors, amending Regulation (EC) No 1907/2006 and repealing Regulation (EU) No 98/2013" has been created to ensure that ordinary citizens without a legitimate interest in so-called "explosive precursors" would not have access to them. That is not to say that they will not be available for purchase but rather, that only citizens who actually need to use them can buy them.

### Specifically, which chemicals are considered to be potentially viable for use as explosive precursors?

After many consultations and studies, the Commission has narrowed down the list to the following chemicals:

- Nitric Acid (above 3% w/w)
- Hydrogen Peroxide (above 12% w/w)
- Sulfuric acid (above 15% w/w)
- Nitromethane (above 16% w/w)
- Ammonium Nitrate
(above 16% Nitrogen content in relation to Ammonium nitrate)
- Chlorates of Potassium and Sodium (above 40% w/w)
- Perchlorates of Potassium and Sodium (above 40% w/w)

As of February 2021, all of the above chemicals will not be available for purchase by members of the general public in concentrations above those quoted in the above list. Any citizen looking to purchase the above chemicals with higher concentrations can only do so if they can justify their use in relation to their profession or trade. Details in respect of the authorisation process is in the various provisions of Regulation 1148/2019.

Importers and distributors of such precursors will, from the coming February need to keep a register of sales including buyer details together with why the prospective buyer wants to access these substances. When selling to an ordinary citizen, the importer and distributor must first verify that that citizen holds a valid licence for the transaction they are trying to effect.



The Malta Competition and Consumer Affairs Authority (MCCAA) will be collaborating with the Malta Police Force in enforcing these regulations.

The prevention of illegal manufacturing of explosives is a concern for all citizens, and distributors of substances that can be used to make such explosives have ever increasing concerns over the intentions of those requesting to buy these chemicals. To this end, there will be a contact point appointed with 24/7 availability for receiving reports of theft or disappearances of chemical stocks and suspicious purchases from economic operators.

In addition to the above list of explosive precursors, the regulation also covers many other chemicals which, will continue to be available to public, but are still substances of concern due to their possible use as precursor chemicals. These substances are known as "Reportable Explosive Precursors" (A full list of these substances can be found in Annex II of the regulation).
You may notice that the list of precursors above contains familiar and commonly available chemicals. The regulation is not outright removing the ability for citizens to purchase these chemicals, rather it is allowing sale only under a certain concentration, below which the viability of use as precursor chemicals diminishes drastically.

However, there may be instances of ordinary Maltese citizens that do have a legitimate use for substances listed above, in concentrations exceeding the set threshold.
Although currently, there seem to be no record of citizens wishing to make use of such concentrated precursors for legitimate uses, these citizens may purchase such materials for their own use if they hold a valid licence. This is also true for purchases or transactions that a Maltese citizen makes from other Member States.

In a nutshell, at European union level there is an understanding that unfortunately, some commonly available chemicals may be used for the wrong reasons by ill-wishing citizens. This is why there are provisions being put in place for these chemicals, and Member States are working with the Commission to prevent these chemicals from being used as such.

The MCCAA and Malta Police Force are joining forces to achieve these goals, keeping the interest and safety of the Maltese public at heart.

MCCAA
MALTA COMPETITION AND CONSUMER AFFAIRS AUTHORITY

# IL-PULIZIJA: FORZA JEW SERVIZZ?

minn Dr. Mark Said

L-uffiċjali tal-infurzar għandhom rwol importanti fil-komunitajiet tagħna. Jagħmlu ħilithom sabiex jassiguraw ġustizzja ma' kull min jikser il-liġi. Ukoll, jarrestaw sabiex jiżguraw is-sigurtà tal-pubbliku u jressqu lill-kriminali quddiem il-qrati tal-ġustizzja.

Ġeneralment il-Malti jirrispetta lill-uffiċjali tal-pulizija, imma dan l-aħħar bdiet tikber perċezzjoni li dawn l-uffiċjali bħal donnhom gwerriera u invażuri, mhux gwardjani. Dan in-nuqqas ta' fiduċja mill-pubbliku fil-Pulizija kien ilu jinħass, u mhux biss f'dawn l-aħħar snin. Dak in-nuqqas jaf ikompli jikber jekk tibqa' tippersisti l-perċezzjoni li l-Pulizija tixbaħ xi forza militari jew forza li tfajjar iċ-ċitazzjonijiet aktar milli għassiesa tal-bon ordni u sigurtà fis-soċjetà. Jeżisti mod aħjar, u reċentement qed naraw introduzzjoni ta' prattiċi tajba li jassiguraw is-sigurtà pubblika f'komunitajiet partikolari.

### Il-funzjoni propja tal-Pulizija

Żewġ sekli ilu, il-fondatur tal-Pulizija moderna, Sir Robert Peel, kien qal: "Il-pulizja hija l-pubbliku u l-pubbliku huwa l-pulizija." Dik l-istqarrija tirrifletti r-rwol doppju li l-uffiċjali tal-pulizija jgawdu fis-soċjetà tagħna. Huma jiffurmaw parti kemm mill-komunità li jaqdu kif ukoll mill-gvern li jħares dik il-komunità.

L-għan tal-infurzar tal-liġi f'soċjetà ħielsa huwa li titħares is-sigurtà pubblika u s-saltna tad-dritt ħalli l-libertà tal-individwu titkattar. Il-fiduċja u l-kontabbilità bejn dawn l-uffiċjali u l-komunitajiet li huma jkunu ħalfu li jipproteġu huma essenzjali sabiex jintlaħaq dak l-għan. Il-gvern għandu s-setgħa li juża l-forza biex jilħaq l-għanijiet tiegħu, iżda għandu jagħmel hekk b'mod li jħares id-drittijiet tal-pubbliku u josserva s-saltna tad-dritt. Prattiċi tajba fl-imsemmi infurzar jitolbu li l-uffiċjali jibnu u jrawmu relazzjonijiet pożittivi mal-komunità tagħhom, jirrispettaw il-libertajiet ċivili u jevitaw tattiċi li jħajru l-użu eċċessiv tal-forza kontra ċ-ċittadini. U huwa propju hawn fejn tidħol il-linja sottili bejn jekk il-Pulizija titqiesx forza inkella servizz.

**L-importanza tal-Pulizija fil-(aktar milli 'tal-') Komunità**

L-aktar mod effettiv biex tinkiseb is-sigurtà pubblika fl-irħula u komunitajiet huwa billi l-uffiċjali u l-membri tal-komunità jaħdmu u jikkollaboraw flimkien biex jilħqu dik is-sigurtà. "Pulizija fil-Komunità" tista' titfisser bħala strateġija tal-pulizija li tagħmel użu mis-sieħba lokali u minn sistema aktar wiesgħa ta' deċiżjonijiet qalb l-uffiċjali li jagħmlu r-ronda fit-toroq bil-għan li jsolvu l-problemi fil-komunità. Din is-sistema bdiet tiddaħħal u titħaddem b'suċċess f'diversi komunitajiet f'Malta u Għawdex.



L-esperjenza f'bosta pajjiżi oħra tiddentifika l-impatt ta' din it-tattika ġdida tal-Pulizija. Ngħiduha kif inhi, il-pulizija fil-komunità tnaqqas il-kriminalità u anke l-biża' mill-kriminalità, kif ukoll tbiegħed il-perċezzjoni ta' pulizija li tiddiskrimina. Fl-istess waqt, tkabbar is-sodisfazjoni tal-pubbliku bil-pulizija u tkattar l-atteġġjament pożittiv lejn l-uffiċjali.

Analiżi tal-aħħar reazzjonijiet għall-introduzzjoni tal-pulizija fil-komunità f'bosta nħawi f'Malta tikkonferma l-impatt pożittiv fuq livell komunitarju u l-perċezzjoni ta' leġittimità tal-Pulizija.

L-implimentazzjoni kif suppost tas-sistema tal-pulizija fil-komunità titlob li l-uffiċjali jieħdu taħriġ xieraq fuq il-kollaborazzjoni u kif wieħed jintegra ruħu fil-komunità. Jidher li l-Korp f'Malta qabad din it-triq, iżda wisq nibża' li l-Akkademja għadha tiddedika aktar ħin lill-kadetti biex jitħarrġu fil-ħila tal-armi u tattiċi difensivi aktar milli fis-sistema tal-pulizija fil-komunità. B'danakollu, jiena konvint li dan l-atteġġjament għad jinbidel għall-aħjar u l-Korp u l-Akkademja għandhom ikattru u jtejbu din is-sistema ta' pulizija fil-komunità u jassiguraw li l-uffiċjali jkunu mgħammra biżżejjed biex jagħmluha ta' kollaboraturi effettivi fil-komunitajiet lokali. L-ewwel pass ikun li jiżguraw li l-uffiċjali l-ġodda jkunu mogħnija bil-ħiliet u għarfien li jkollhom bżonn biex effettivament jinvolvu lill-membri tal-komunità.

Ġaladarba s-superjuri fil-Korp ikunu qed imexxu bl-eżempju u l-aġenziji jkunu qed jipprovdu taħriġ biżżejjed għall-uffiċjali tagħhom, ikunu jridu mbagħad joħolqu politika u prattika dipartimentali li jsibu bilanċ xieraq bejn id-diskrezzjoni u l-kontabilità tal-uffiċjali kollha. Il-kollaborazzjoni mal-għaqdiet u l-membri tal-komunità tinħtieġ li l-uffiċjali li jagħmlu r-ronda jkollhom is-setgħa li jieħdu deċiżjonijiet u jkollhom diskrezzjoni filwaqt li jkunu mħarrġa fl-istandards rikjesti fuq liema bażi jkunu mbagħad kontabbli u responsabbli.

Dan il-bilanċ bejn id-diskrezzjoni u l-kontabbilità ġeneralment isarraf ruħu fi struttura anqas ġerarkika ta' rappurtar u aċċess akbar għal għażliet individwali abbinati ma' politika ċara tal-Korp li tagħti s-setgħa u inizjattiva lill-uffiċjali biex jaġixxu bl-aktar mod effettiv għall-komunità tagħhom u s-sigurtà pubblika.

magazine.police@gov.mt


LEAD
THE
CHARGE




Michael Debono Limited
Mdina Road, Żebbuġ, ZBG 9017 Tel: 2269 4000 - info@toyota.com.mt

# SENA TA' KUMITAT ĠDID

minn PS 1583 Steve Spiteri – Police Officers Union

Diġà għaddiet sena minn mindu ġie magħmul il-kumitat preżenti. Kellna sena mħabbta mhux ħażin u bis-sitwazzjoni tal-Covid 19 sfidi u problemi ġodda ma naqsux.

Ħdimna fuq affarijiet ġodda kif ukoll problemi li kien hemm pendenti. Sena li saru diversi laqgħat mal-amministrazzjoni kif ukoll mal-ministeru. Saru laqgħat mal-M.G.R.M. u l-Woman's rights foundation. Kienu laqgħat interessanti u fil-futur nixtiequ li nkomplu ntejbu din ir-relazzjoni.

Ħdimna imma ovvjament fadal affarijiet pendenti. Waħda minnhom hi l-anomalija li nħolqot wara l-ftehim settorjali fuq il-pensjoni. Is-sitwazzjoni tal-pensjoni tal-kuntistabbli wara li tela' skala u ġie kuntistabbli anzjan (senior police constable) Il-Police officers Union ilha li għamlet it-talbiet tagħha fejn primarjament talbet li min irriżenja mil-Korp wara li ġie ffirmat il-ftehim settorjali għandu jkollu l-pensjoni aġġustata li tirrifletti fuq l-aħħar paga li qabad. Il-P.O.U/G.W.U marret iktar minn hekk, aħna tlabna li bħalma ħadna diversi benefiċċji b'lura mill-1 ta' Jannar 2018 relatat mal-ftehim settorjali, min telaq mill-ewwel ta' Jannar 2018 għandha tirrifletti ż-żieda fil-pensjoni tiegħu ukoll. Din is-sitwazzjoni għadna qed niddiskutu dwarha.

Sa dan il-ħin li qed jinkiteb dan l-artiklu għadna qegħdin nitħabtu fuq is-sick leave relatat mal-Covid 19. Bla dubju mhux sew li s-Supritendent tas-Saħħa Pubblika tordnalek biex toqgħod ġewwa kwarantina għax inti pożittiv għall-covid u min-naħa l-oħra jinqatagħlek sick leave. Quarantine Leave hija ċara biżżejjed.

Għadna għaddejjin ukoll fuq sistema għal meta uffiċjal tal-pulizija jagħlaq 25 sena u jkun intitolat għal pensjoni iżda jibqa' fil-pulizija fl-istess rank li jkollu. Jibda jieħu l-pensjoni u l-paga. Id-diskussjonijiet rigward din is-sistema ilha għaddejja wkoll fil-fatt konna bdejna mal-Ministru Michael Farrugia u issa ovvjament inkomplu t-taħditiet mal-Ministru Byron Camilleri. Trid tinħoloq sistema li ma tintilifx l-esperjenza fil-pulizija speċjalment fir-realtà ta' kemm hemm min qed japplika biex jibdew karriera fil-Pulizija. Il-P.O.U/G.W.U diġà għaddiet il-proposti tagħha lill-Kummissarju.

Dawn kienu issues kbar li għadhom pendenti.

Issa ħa nsemmu xi affarijiet li ġibna f'din is-sena bħala P.O.U/G.W.U. Ovvjament dawn huma sitwazzjonijiet li jolqtu diversi pulizija. Ikun hemm ukoll sitwazzjonijiet personali apparti dawn.

Naħseb waħda mil-iktar affarijiet li laqtet lill-maġġoranza tal-pulizija hija ta' kemm jiġġedded leave minn din is-sena għas-sena d-dieħla. Il-PSMC jitkellem ċar dwar dan. Jiġġedded awtomatiku 50% u fuq każijiet li jiġu mitluba jiddeċiedi s-Segretarju Permanenti mill-Ministeru tal-Intern, is-Sigurtà Nazzjonali u l-Infurzar tall-Liġi. Tul dawn l-aħħar snin dejjem iġġedded ammont kollu li tkun intitolat għal dik is-sena partikolari u dan kien dejjem wara li jiddeċiedi s-Segretarju Permanenti. Din is-sena rċevejna email fejn kien hemm ċar li ħa jiġġedded biss 50% u l-każijiet straordinarji l-oħra li jiġu approvati. Wara ħafna insistenza u taħditiet bejn il-P.O.U/G.W.U flimkien mal-Ministeru ġiet aċċettata t-talba tagħna. Ta' dan napprezzaw u nirringrazzjaw lill-Ministru Byron Camilleri u lis-Sur. Kevin Mahoney.

Li ġejjin huma ftit mit-talbiet li għamilna bħala P.O.U./ G.W.U.

1) Leave għal Għawdex għandu jkollu l-importanza bħas-safar. Għandha ssir subject form.

2) Uniformi għal min jaħdem overtime Ħal Far għandha tkun iktar komda.

3) Booking tal-vacation leave għandu jkun hemm sistema li tkun taf kemm-il wieħed qiegħed fil-lista.

4) Pulizija għandhom ikunu infurmati eżatt ta' xi jkunu qabdu paga fil-payslip speċjalment fl-overtime

5) Il-ġurnata leave li kienet tinqata' meta tkun festa u tkun ġej min-night. Din mhux suppost li kienet qed tinqata'. Fil-fatt ħarġet ċirkolari fejn din ġiet regolata. Il-P.O.U għadha għaddejja bit-taħdidiet ta' x'se jiġri fuq il-ġranet li nqatgħu qabel.

6) Ġiet riveduta allowance fir-rank ta' Assistent Kummissarju

7) Fis-sajf ġie mitlub li l-membri li jkunu patrol mal-bajjiet eċċ. għandhom jagħmlu użu mill-baseball cap għal aktar kumdità.

8) Il-P.O.U ġibdet l-attenzjoni tal-amministrazzjoni u l-Gvern fuq miżura 8, kif ukoll fuq miżura 2.5 tal-budget għal din is-sena fejn tgħid li l-ewwel mitt siegħa ta' overtime għal dawk il-ħaddiema li l-paga bażika tagħhom ma teċċedix l-20,000 ewro fis-sena u li ma għandhomx pożizzjoni maniġerjali għandhom jiġu ntaxxati bil-15%.

9) Extra duty li nħadmet f'Diċembru 2019 ġewwa s-6A PD, minħabba nuqqas ta' aċċess għad-details, il-membri baqgħu ma tħallsux. Iżda wara li ġbidna l-attenzjoni tħallsu fil-paga li qbadna f'Novembru (Payroll 11)

10) Saru talbiet mal-Ministeru u l-amministrazzjoni fejn ċertu rapporti li jsiru mal-Pulizija ma jibqgħux jiġu rrapportati iktar l-għassa. Eżempju bħal lost reports u oħrajn.

11) Tkellimna wkoll fuq diversi miżuri għal eventwalità li l-Gvern iżid il-miżuri relatati mal-Covid 19 bħal bdil ta' shifts, family friendly measures u anke ssuġġerejna post fejn jista' jintuża bħala childcare għal Pulizija fl-eventwalità li jkun hemm bżonn.

12) Il-Pulizija stazzjonati fid-distrett għandhom ikollhom allowance.

Dawn huma ftit fost ħafna iktar li tlabna f'din l-aħħar sena biss.
Fuq id-distrett ta' Għawdex bl-assistenza tar-rappreżentanti tagħna għal Għawdex kellna diversi fatturi li ġew irranġati wkoll. Eżempju l-iskorti kienu għadhom qed isiru mid-duty, ġbidna l-attenzjoni u llum qegħdin extra duty, twaqqfu xi muturi tat-traffic minħabba ħsara u ġew trasferiti għal Għawdex 5 muturi oħra, għandu jkun hemm skwadra għall-A.L.E. Għawdex stess, u diversi każijiet individwali li fejn stajna dejjem għamilna l-almu tagħna biex jittranġaw.

Din is-sena wkoll tajna 'l fuq minn 30 darba assistenza legali b'xejn. Dawn it-talbiet ivarjaw minn crimes, assistenza legali f'inkjesti relatati max-xogħol, statements u oħrajn.

Bħalma qed taraw, xogħol il-Union ma jieqaf qatt. Dan li ġibna kien bis-saħħa tal-Kumitat ċentrali flimkien max-shopstewards tagħna. Ovvjament irid ikun hemm id-determinazzjoni li l-affarijiet jittranġaw min-naħa tal-amministrazzjoni u f'ċertu sitwazzjonijiet min-naħa tal-Ministru u anke l-Gvern ċentrali. Fl-aħħar mill-aħħar, intom il-membri tal-Police Officers Union li flimkien nimxu 'l quddiem.

Nitlobkom min irid jissieħeb fil-Police Officers Union għandu jagħmel dan billi tikkuntattjaw lil xi ħadd mill-kumitat jew lix-shopstewards, jew tibgħat id-dettalji tiegħek fil-facebook page tagħna, tħalli n-numru fejn nistgħu nikkuntattjawk u xi ħadd mill-kumitat ikellimkom lura. Għal kull informazzjoni oħra nfakkarkhom li tistgħu tibagħtu email fuq **policeofficersunion@gmail.com**

Wasalna lejn l-aħħar tas-sena, filwaqt li kienet sena iebsa għal diversi raġunijiet inħarsu lejn is-sena d-dieħla b'kuraġġ u nkomplu fejn ħallejna din is-sena.

F'isem il-President, f'ismi bħala Viċi President, is-Segretarju tal-kumitat u shopstewards, ngħaddulkom l-isbaħ xewqat għall-Milied u s-Sena ġdida mimlija affarijiet sbieħ, saħħa u kuntentizza.

steve.a.spiteri@gov.mt

# CASE MANAGEMENT SYSTEM (CMS)

mill-Projects Office

Il-Case Managment System (CMS) fi ħdan l-uffiċċju tas-SIRENE, hija sistema li ġiet estiża bl-integrazzjoni tad-dmirijiet u l-funzjonalitajiet tal-uffiċċji tal-INTERPOL u EUROPOL, kif ukoll inkluż żvilupp ta' statistika, u ġiet personalizzata / magħmula apposta, ko-finanzjata mill-fondi ewropej. Dan il-proġett jagħmel parti mill-fondi ISF (Fondi għas-Sigurtà Interna) 2014 – 2020 u li minnu l-Korp ibbenefika minn €800,000 għal dan il-proġett.

It-taqsima tar-Relazzjonijiet Internazzjonali (IRU), hija s-sid tad-data misjuba fi ħdan il-Case Managment System (CMS). Is-Sistema tal-Case Managment tista' tkun aċċessata mis-SIRENE, INTERPOL, EUROPOL u Dipartimenti / Uffiċjali oħra tal-Pulizija, skont il-privileġġi u rwoli tal-users. Id-Dipartimenti bħal SIRENE, INTERPOL u EUROPOL jużaw l-iktar karatteristiċi tas-Sistema tal-Case Management. Madankollu, id-dipartimenti oħra magħżula jista' jkollhom funzjonijiet limitati biex jippermettu kollaborazzjoni fuq files elettroniċi. Pereżempju, dipartimenti oħra tal-pulizija li mhumiex fis-sezzjoni tar-Relazzjonijiet Internazzjonali (IRU) għandhom aċċess għas-sistema, madankollu l-viżjoni tagħhom hija limitata għal dawk l-attivitajiet li ġew speċifikament assenjati lid-dipartiment konċernat.

Is-sħubija tal-INTERPOL, EUROPOL u SIRENE taw l-għajnuna fil-qsim tad-data. Meta uffiċjal joħloq file fis-sistema, wieħed ikun jista' jara jekk xi ħaġa relatata mal-imsemmi file tinstabx fis-sistema, jew taħt SIRENE, INTERPOL jew EUROPOL. Jekk iva, allura dawn il-files jistgħu jiġu relatati flimkien. Il-karatteristika tat-tfittxija tintuża sabiex tiffiltra l-informazzjoni skont dak li huwa eżattament meħtieġ. Fil-fatt, permezz tal-iżviluppi li saru permezz ta' dan il-proġett, ġiet introdotta aktar il-possibbiltà ta' Indiċi fis-sistema biex jgħin fil-ħtieġa t'informazzjoni / dokumenti meħtieġa minn tali tfittxijiet. Il-CMS għandha sistema ta' traċċar li tipprovdi rekord ta' dak li qed issir fuq is-sistema u minn min qed isir dan.

Benefiċċju ieħor li fiha s-sistema huwa li hija faċli biex tużaha u tieħu inqas ħin. Il-flus tax-xogħol ser jinbidel bl-implementazzjoni ta' din is-sistema. Qabel, ix-xogħol kien ibbażat fuq il-karta, madankollu issa ħafna mix-xogħol ser isir diġitali. Meta l-flus tax-xogħol kien ibbażat fuq il-karta b'sistema ta' filing, biex tiġi mgħoddija l-informazzjoni kien jieħu ħafna ħin, speċjalment peress li meta wieħed għandu file, wieħed kien irid jgħaddih lill-uffiċjali, (jiġifieri l-file fiżiku seta' jarah biss uffiċjali wieħed, wieħed). Issa x-xogħol isir fuq is-sistema, u għalhekk il-file wieħed maħluq fuq is-sistema jista' jintbagħat u jarawh diversi uffiċjali f'daqqa u fl-istess ħin. Għalhekk, ir-rispons issa jista' jiġi rċevut aktar malajr.

Il-perjodu taż-żamma tad-data huwa stabbilit bil-liġi skont il-kategorija tad-data. Meta d-data tiddaħħal fis-sistema, il-perjodi ta' żmien taż-żamma tagħha huma ssettjati. Meta file jkun se jiskadi, tidher notifika, (fejn is-sistema ta' files preċedenti bbażata fuq il-karta li fiha l-perjodi ta' żamma tad-data jiġu kkontrollati manwalment).

Id-data warehouse huwa maħżen tad-data li nħoloq u integra mad-data fis-Sistema tas-CMS u jista' jintuża għar-rappurtar u l-analiżi tad-data. Permezz ta' dan, id-data tista' tiġi estratta u l-istatistika tista' tiġi ffiltrata, pereżempju skont id-dati tal-ħolqien tal-file, in-numru tal-file, it-tip ta' reat, il-kategorija tad-dokument, eċċ. Ladarba tintgħażel id-data meħtieġa, jiġi ġġenerat rapport bid-data.

PISCOPO gardens

# MERRY CHRISTMAS

from all of us at Piscopo Gardens

## 30 - 50% OFF ON ALL CHRISTMAS DECORATIONS



Piscopo Gardens,
Triq Tony Camilleri, Burmarrad
Tel: 21 583755
Email:info@piscopogardens.com
www.piscopogardens.com



my family



*Free engraving with every tag purchased*





*Borg Cardona Pet Supplies*
*Triq It-Tabib J.Zammit,*
*Balzan*

*www.borgcardona.com.mt*
*sales@borgcardona.com.mt*

BORG CARDONA & CO. LTD.

# KELMTEJN MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

Mill-Ispettur Neville Mercieca - MPA

MALTA POLICE ASSOCIATION
YOUR INDEPENDENT UNION

Nixtieq nibda billi nirringrazzjakom tax-xogħol u s-sagrifiċċju matul dawn l-aħħar xhur fejn il-pajjiż, flimkien mad-dinja kollha, qiegħed għaddej minn pandemja li qatt ma rajna bħalha.

Intom bqajtu tagħtu s-servizz tagħkom lill-pajjiż minkejja kollox, u ta' dan ħaqqkom biss tifħir u ringrazzjament.

**Kariga ġdida:** Bħalma tafu, jiena ġejt maħtur Segretarju Eżekuttiv tal-MPA f'Ottubru li għadda. Għal min ma jafnix, jiena dħalt fil-Korp f'Marzu 2000, fejn kont stazzjonat ġewwa t-8PD u wara l-SB Registry. F'Jannar tal-2004 kont irriżenjajt u f'Diċembru tal-istess sena erġajt ġejt re-instated u ġejt stazzjonat id-9PD. Fl-2008 ġejt elett Segretarju Ġenerali tal-MPA u sussegwentament ġejt posted mal-istess MPA. F'Ġunju tal-2010 ġejt promoss għall-Surġent u fi Frar tal-2015 bħala Spettur fejn servejt ġewwa s-6PD, is-7PD u l-GHQ bħala Data Protection officer. Nittama li din l-esperjenza, fejn ukoll kelli l-opportunità naħdem ma' nies straordinarji li mingħandhom tgħallimt ħafna, tgħini nkun ta' servizz aħjar għalikom.

Nixtieq ukoll nieħu din l-okkażjoni sabiex f'ismi u f'isem il-Kumitat Eżekuttiv, nirringrazzja lis-Sur Johann Mifsud (PS1597) li serva f'din il-kariga fis-snin li għaddew għas-servizz tiegħu għall-benefiċċju tal-membri tagħna.

**Uniformi:** Id-dixxiplina hija sabiħa u importanti ħafna. Tant ieħor huwa importanti li l-membri tal-Korp ikunu libsin uniformi sura ta' nies, komda u ddiżinjata b'mod li tippermettilhom jagħmlu xogħolhom mingħajr biża' li jew jiċċarrat il-qalziet jew il-qmis minn xi post jew ieħor. Dan mingħajr ma nsemmu l-beritta.

Nittamaw li wara li fl-2019 qalulna li sal-aħħar tal-2020, il-membri tal-Korp sejjer ikollhom uniformi ġdida, nittamaw u nisperaw li din tasal fl-2021. Huwa vera li t-tama hija l-aħħar li tmut, però stennija twila ma tagħmilx ġid lanqas.

Hemm bżonn li din l-uniformi (li qiegħda testing phase) tbiddel l-uniformi preżenti li ma għadhiex tajba għaż-żmien tal-lum.



**Ħlas (jew nuqqas ta') ta' Sahra u Overtime:** Minn żmien għal żmien iqumu problemi relatati mal-ħlasijiet għaliex xi daqqiet dawn jaqgħu lura. Mhux dejjem ikun tort tal-amministrazzjoni u allura ma nistgħux nippuntaw subgħajna lill-ewwel, però fl-aħħar mill-aħħar, dik il-persuna li tkun għamlet dak ix-xogħol tbati għaliex ma tkunx ħadet il-ħlas dovut lilha.

Il-MPA bħalma dejjem għamlet matul iż-żmien, qiegħda ssegwi din is-sitwazzjoni u għalhekk nitolbu lill-membri tagħna sabiex meta jkollhom diffikultajiet simili, jibagħtu email fuq exsec@mpa.org.mt

**Matul il-pandemija, l-MPA kompliet bil-ħidma tagħha:** Nhar is-26 ta' Ottubru għamilna kuntatt dirett mal-Professur Charmaine Gauci fejn saru dawn it-talbiet;

1) Dawk il-Pulizija li nstabu pożittivi sa mill-bidu ta' din il-pandemija, u anke dawk li jistgħu jinstabu pożittivi, minflok jittieħed mis-Sick Leave tagħhom, dan il-perjodu jiġi kkunsidrat bħala leave ta' Kwarantina.

2) Sabiex il-membri tal-Korp jingħataw l-opportunità ta' 'Rapid Testing' sabiex b'hekk ir-riżultat ikun magħruf f'ħin qasir mingħajr ma jkun hemm il-bżonn li dak l-uffiċjal jaħli ħin twil jistenna r-riżultat u ma jistax jiġi utilizzat.

Wara li l-MPA baqgħat bla risposta, għamlet kuntatt dirett permezz ta' email mal-Onor. Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa sabiex tinstab soluzzjoni għal dawn l-inġustizzji.

Aħna sejrin nibqgħu naqbżu u niddefendu d-drittijiet tal-membri tagħna kollha.

**Attivitajiet popolari:** Bħalma għamilna meta ġiet imħabbra l-attività 'Notte Bianca', il-Malta Police Association tinsab ferm imħassba għat-tħabbir tal-attivitajiet relatati mal-Milied 2020 'Christmas in the City'.

Il-MPA temmen li l-pandemija għadha magħna u pajjiżi Ewropej oħra qegħdin iħassru kull attività minn issa sal-aħħar ta' din is-sena bħala prekawzjoni u għalhekk ma jidhirx li huwa għaqli li dawn l-attivitajiet jiġu promossi u mħeġġa f'pajjiżna.

Il-MPA ma tidħolx fil-mertu ekonomiku iżda tidħol fejn hemm is-saħħa tal-Pulizija. Attivitajiet simili jirrikjedu l-preżenza tal-Pulizija biex tinżamm l-ordni u l-paċi pubblika u dan b'riskju lejn saħħet l-istess Pulizija u l-familji tagħhom.

**Miżata:** Inħeġġeġ lill-membri tal-Korp sabiex jissieħbu mal-MPA għaliex grazzi għalhekk biss, il-Union tkun b'saħħitha u tkun tista' tiffunzjona sew sabiex tikseb kundizzjonijiet aħjar għalik.

Tesserament jiswa €20 għal sena u €50 għal tliet snin. Membri ġodda jingħataw sena b'xejn.

Sħubija fl-MPA tiggarantilek assistenza fil-proċeduri dixxiplinari, kif ukoll bosta benefiċċji riservati għall-membri bħal skontijiet f'diversi stabbilimenti u gyms.

Komplu segwuna fuq il-website tagħna www.mpa.org.mt, fuq il-paġna ta' Facebook @maltapoliceassociation u Instagram #maltapoliceassociation.

Fl-aħħar nett, minn qalbna nawguraw Milied hieni lil kull wieħed u waħda minnkom, kif ukoll sena mimlija risq, hena u ġid.

http://www.mpa.org.mt

# TISLIMA B'DIFFERENZA LIL PC 12 JOSEPH MUSCAT

Mis-Surġent-Maġġur 1133 Joseph Borg - Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija



Ma kontx ili ħafna li tkellimt bit-telefown ma' Joseph Pc 12, qabel ma smajt li kien daħal l-isptar. L-aħbar malajr kienet ġriet li l-kawża prinċipali kienet minħabba li kien ġie infettat b'dal-misħut virus. Mhux li kien jinsteħet darba għal dejjem u jħallina bil-kwiet! Ftit wara, jidhirli li l-għada, smajt ukoll li kien inħakem sewwa mill-marda, tant li kien qaleb għall-agħar u saritlu l-ġriżma. Tlabna għalih u għall-familja tiegħu, bħalma nagħmlu għal kull membru li jkun għaddej minn sitwazzjoni simili. Fl-eqreb quddiesa li kien imiss, li ssir ġewwa l-kappella tal-Kwartieri Ġenerali, il-Kappillan tal-Korp bħalma jagħmel dejjem offra l-merti ta' dik il-quddiesa bl-intenzjonijiet għall-bżonnijiet tiegħu, tal-qrabat u għal dawk kollha li jkunu għaddejjin minn dawn is-sofferenzi sabiex il-Mulej iħenn u jieqaf magħhom waqt li jiddisponi bl-aħjar mod. Iżda minkejja kull sforz, ġej minn fejn ġej u bil-ftit jew wisq tat-tama, mal-għodwa tal-Ħamis, ħamsa ta' Novembru, ġriet l-aħbar li Joey kien ħalliena.

Il-wieħed u sebgħin vittma tal-virus Covid-19 f'Malta, minn Marzu ta' din is-sena 'l hawn. Joey jiġi l-ewwel vittma minn fost il-membri tal-Korp tal-Pulizija.

B'dak li aċċennaw dwaru ħafna fuq il-midja soċjali mat-tħabbir tal-mewt tiegħu ma nafx kemm nista' nkun oriġinali fl-apiċe ta' dan l-artiklu. Dik it-telefonata li issa saret l-aħħar waħda tirrifletti mhux biss il-persuna u l-karattru tiegħu, iżda kemm kien ikun lest li jisma', jifhem u jagħder fil-mument ta diffikultà, waqt li qeda bl-umiltà salv intellett b'kull kelma meqjusa. Apparti x-xhieda personali, bosta kienu l-kummenti fuq il-mezzi soċjali kif għidt qabel, fosthom illi, '*Kien raġel b'qalb twajba, bħat-tnax ftit li xejn ħa ssib – parir tajjeb għaż-żgħar u rispett lejn il-kbar*', '*Ser nimmisjawk Joe, grazzi ta' kemm għallimtna u kemm tajtna pariri ta' ġid, kemm daħħaqtna. Dejjem ferrieħi u tferraħ lil ta' madwarek*', '*Sajjetta fil-bnazzi, m'aħna ser ninsewk qatt. Kont it-tieni missier tagħna ... strieħ fis-sliem Ġuż, dejjem f'qalbna*', '*Il-memorja tiegħek f'qalbna, daqshekk għidtli 'kafè żgħira''*, '*kien raġel ta' veru li tista' tafda*', '*Iċċempel filgħodu, int min int, dejjem jilqgħek bil-kelma 'bonġu' ma' dik it-tbissima partikulari tiegħu ta' fuq it-telefown*', '*kont inkun dejjem moħħi mistrieħ meta kien ikolli lilu xogħol miegħi*', u ħafna kummenti oħra bħalma tistgħu timmaġinaw.

Forsi għalhekk dan l-eloġju, il-kumpens li minħabba ċ-ċirkostanzi li qed ngħixu fihom ma ppermettewx li noħduk għall-aħħar tislima bil-mod tradizzjonali u dinjituż kif jixraq lil kull min iħalli din id-dinja waqt li jkun għadu fiż-żmien iservi lil pajjiżu, merfugħ fuq spallet dawk li qed jirrappreżentaw lil membri tal-Korp l-oħrajn kollha, b'passi meqjusa u magħduda lejn l-aħħar vjaġġ. Il-bandiera bl-insinja tal-Korp mifruxa tassisti fuq tebutek, biex twennes u tħaddan għall-aħħar darba lil wieħed minn uliedha u l-beritta emblematika li kont tilbes fuq nett, tiddentifika għal min kont qed taħdem u lil min tirrappreżenta, bl-unuri. Biha wkoll sellimt biex tajt ir-rispett... ir-rispett li jibqa' u jinġarr miegħek bħaddell lil hinn minn qabrek. Il-beritta issa ġiet ukoll ikona oħra tiegħek, b'tifkira lil dawk l-aktar għeżież.

Smajt x'intqal? ... Issa mur strieħ Ġuż! ... Iżda qabel ma tidħol fl-aktar raqda fonda u mistrieħa li qas biss lill-ħolm m'għad tibqa' tagħraf, din tinsieha qatt! Illi mal-familja naturali u dik l-aktar viċina tiegħek, ħallejt familja ħafna akbar fin-numru, li wkoll ħabbitek, apprezzatek u issa bkietek għal dak li inti kont. Dak li tgħix issa huwa r-rifless għal dak li ser tgħix f'li ġej!

joseph.q.borg@gov.mt







Q A

minn Dr. Mary Muscat

Minn dil-ħarġa nixtieq nibda rubrika fejn inwieġeb domandi dwar il-liġi kriminali li pulizija jista' jiltaqa' magħhom, grazzi għall-bord editorjali li laqa' l-idea u qed itini dan l-ispazju. Il-mistoqsijiet jistgħu jintbagħtu jew lill-Bord jew lili direttament fuq mary.muscat@um.edu.mt jew inkella muscatdrmary@gmail.com

Ħa nibda minn mistoqsija li saritli ftit tal-jiem ilu mir-rekluti l-ġodda fl-Akkademja: **kif għandek tistudja l-Kriminal?** Kienet riferenza għall-parti sostantiva tal-liġi kriminali li tiġi mgħallma l-Akkademja.

Ikolli nammetti li ma teżistix pedagoġija ċara ta' kif għandu jiġi mgħallem is-suġġett, u wisq inqas allura mhu jingħata eżempju lill-istudent ta' kif għandu jkun studjat is-suġġett. Dan japplika mhux għar-rekluti biss imma anki għall-istudenti tal-Università li qed isegwu xi kors tal-liġi li jinkludi s-sostantiv tal-Kriminal. S'issa fl-Università l-Kriminal jiġi mgħallem esklussivament billi wieħed jaqra l-Mamo Notes u jitgħallem bl-amment kull kelma, rokna u kantuniera li fih il-volum; għall-każistika, imbagħad, dak li jkun joqgħod jistenna lil-lettur isemmi sentenzi tal-Qrati li jkomplu jifthu fejn ħalla Mamo. Hemm metodi aħjar, minn dak li rajt u qrajt dwar pedagoġija tal-liġi.

Il-Kriminal hu miktub a bażi ta' "elementi" u dan jiffaċilita kemm il-qari tal-liġi kif ukoll kif wieħed għandu jimxi fil-case management ta' investigazzjoni. Mhux hekk biss, imma ladarba l-elementi jkunu ċari f'moħħ dak li jkun, l-evidenza marbuta ma' kull element tgħin fil-ġbir tal-aħjar provi, fl-għoti ta' xhieda b'mod professjonali, ta' kitba ta' rapporti u anki ta' affidavits li jkunu strutturati b'mod li jgħin lill-Qorti fl-andament tas-smigħ. Hekk, pereżempju, ir-reat ta' serq fih ħames elementi; jekk wieħed qiegħed jara erbgħa biss, ikun ifisser jew li hemm xi reat ieħor li forsi jixbah lis-serq, jew li saħansitra m'hemm l-ebda reat.



Bħal kull għodda tajba, dan il-metodu jista' jiġi abbużat ukoll u dana billi dak li jkun, meta jinduna li hemm element jew xi prova nieqsa, jara kif jivvintaha. Li wieħed jara xi ħaġa nieqsa u jerġa' jiċċekkja xogħlu hi prassi tajba, imma li wieħed jivvinta evidenza li ma teżistix hi abbuż ta' poter. Jista' jkun ukoll li dak li jkun, wara li jsib il-provi kollha marbuta mal-elementi, jipprova jorbothom mal-persuna żbaljata apposta f'dak li jissejjaħ frame-up. Dawn huma kollha miscarriages of justice u huma reat fihom infushom.

Biex nikkonkludi, tkun tafha sew il-liġi u tista' tħaddimha sew fix-xogħol tal-pulizija meta reat tifhem x'inhuma l-elementi tiegħu. Jekk għandek din il-bażi tkun aktar effiċjenti f'xogħlok u timxi b'mod ġust u korrett.

mary.muscat@um.edu.mt


we love the jobs you hate doing...
MR.CLEAN
Cleaning Contractors
Contract cleaners for window cleaning, floor maintenance, maid service, first time cleaning, carpet cleaning, kitchen cleaning, boat cleaning, turnkey construction cleaning, hotel room attendants, care workers, kitchen helpers and security personnel.
The Directors, Management and Staff would like to express their warmest wishes for the festive season.
M.C.S.I. Co. Ltd, Balzan Business Centre, Triq l-Gherusija, Balzan.
21449926 - 21486136
99423330 - 79486136
email: info@mrcleanmalta.com


B.Grima & Sons Ltd.
Building . Turnkey . Road Marking . Traffic Signs
Tel: 21582659 . Mobile 79477682 / 3 / 4 /5 .
Email: info@bgs.com.mt . Website: www.bgs.com.mt
30
3T
Traffic Signs - Belishia Globes - Road Markings Paint
Street Furniture - Car Park Markings
Traffic Management Services - Building Services
1 San Ġiljan
6 Valletta
7 H'Attard
16 S. Pawl il-Baħar
7 Ir-Rabat
21 Ħaż-Żebbuġ
We mark, others follow . . .


COSECASA
THE HOUSEHOLD SHOP
WWW.COSECASA.COM

Now that you've set the date for your big day, you've got one thing left...Our Congratulations!
James Caterers is an established market leader in event catering, specialising in weddings, outside catering & private functions.
James Caterers
Velleran Street, Fgura / Tel: 2189 6290 / Web: www.james-caterers.com / eMail: events@james-caterers.com

Il-Qronfla
Malta's Foremost Florists | Lewis Micallef Co. Ltd.
A HERITAGE BUILT ON EXCELLENCE AND SERVICE | WE CATER FOR ALL OCCASIONS
Suppliers of Malta's leading 5 Star Hotels, Embassies & Yachts
@ilQronfla
Qronfla.com
21 442 600
253, Main Street,
Balzan BZN 1256

# ATTIVITAJIET TA' RITORN INFURZAT MILL-PULIZIJA TA' MALTA PERMEZZ TA' FONDI EWOPEJ

mill-Projects Office

Wieħed mill-proġetti importanti li jaqa' fi ħdan il-Pulizija mill-2015, huwa l-proġett ta' ritorn infurzat. L-għan ta' dan il-proġett huwa li jiffaċilita r-ritorn ta' immigranti li ma jkunux qegħdin Malta skont il-liġi tal-Immigrazzjoni, u b'hekk jiġu mibgħutin lura lejn il-pajjiż tal-oriġini tagħhom. Dawn is-sitwazzjonijiet jinkorporaw immigranti li jkunu daħlu Malta mingħajr l-awtorizzazjoni neċessarja, jew ikunu daħlu Malta legalment imma tkun skaditilhom il-viża, u li għaldaqstant jissejħu 'overstayers' jew ċittadini ta' pajjiż terz li għal xi raġuni jew oħra, il-viża jew permess li kellhom ma jibqax validu.

Ovvjament dan ir-ritorn dejjem seħħ b'dinjità u b'rispett sħiħ lejn il-liġijiet tad-drittijiet umani skont in-normi u obbligazzjonijiet Internazzjonali u Ewropej, jiġifieri, li ma jintbagħtux immigranti lura f'pajjiżi fejn ħajjithom tista' tkun mhedda. Fil-fatt Malta tagħmel żgur li qatt ma jinkiser il-prinċipju hekk imsejjaħ ta' non-refoulement. Tant hu hekk li dan il-prinċipju jifforma parti mill-Liġijiet tal-Immigrazzjoni.

Minħabba li Malta, dan l-aħħar 17-il sena ġiet affettwata direttament mill-problema tal-immigrazzjoni, anke minħabba il-pożizzjoni strateġika tagħha, bilfors kellhom jittieħdu passi ħalli min qiegħed hawn illegalment u jew ma jikkwalifikax għall-ażil, jiġi mibgħut lura f'pajjiżu. Dan il-proġett – '**Attività ta' Ritorn Infurzat**' jagħmel parti mill-fondi AMIF (Fondi għall-Ażil, Immigrazzjoni u Integrazzjoni) 2014-2020. Minnu intefqu madwar €350,000.00 f'biljetti tar-ritorn għal dawn in-nies.

Wieħed irid jifhem li mhux la kemm tibgħat persuna lura f'pajjiżu, għax hemm protokoll sħiħ li jrid isir qabel ma' dan iseħħ. L-aktar ħaġa importanti hija li jkun hemm relazzjonijiet bilaterali bejn Malta u l-pajjiż tal-oriġini, sabiex jiġi determinat in-nazzjonalità tal-immigranti, u jinħarġulhom id-dokumenti neċessarji sabiex dawn ikunu jistgħu jerġgħu jidħlu fil-pajjiż tal-oriġini tagħhom. La darba l-aspett diplomatiku u konsolari jkun sar, hemm l-aspett ta' loġistika, fejn iridu jinħarġu l-biljetti għat-titjira lura kif ukoll jiġu magħżula uffiċjali tal-pulizija sabiex, jekk ikun hemm bżonn, imorru bħala skorta mal-immigranti, kollox imħallas minn dawn il-fondi.

Il-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali hija waħda konsistenti u ta' min jgħid li l-akbar numri ta' persuni ripatrijati jkunu minn l-Ewropa tal-Lvant (ovvjament pajjiżi mhux Membri tal-Unjoni Ewropea bħas-Serbja, Maċedonja u Albanija). Infatti tant huma postijiet diversi li l-biljetti inqatgħu għal-Istati Uniti tal-Amerika, Venezuela, Kolumbja, Ċina, New Zealand fost l-oħrajn.

Dawn il-fondi li ġew minfuqa f'dan l-imsemmi proġett, jgħinu wkoll ħalli tiġi msaħħa d-dimensjoni esterna tas-sistema Ewropea tal-Ażil (CEAS), sabiex tissaħħaħ l-immigrazzjoni legali fl-Istati Membri, kif ukoll biex tissaħħaħ l-integrazzjoni mill-immigranti.

euprojects@gov.mt

Asylum, Migration and Integration Fund 2014 – 2020
This project is part-financed by the European Union
Co-financing rate: 75% EU Funds 25% Beneficiary Funds
Sustainable Management of Migration Flows

# APPREZZAMENTI U KOMMENDAZZJONIJIET LILL-PULIZIJA

Dear Police Commissioner Mr Angelo Gafa',

On behalf of the staff and patients would like to thank The Malta Police for their immediate help and support. The presence of The Malta Police calmed down the situation and were really professional to calm down the aggressive covid positive patient. Special thanks goes to: PS100 Andrea Zahra, Pc752 Justin Said, Pc770 Terence Sciberras, PC893 Mark Galea, PC1413 Antoine Agius.

Very proud of you. Keep up the good work.

Regards

Senior Staff Nurse

---

Nixtieq nfahhar u nispera li tasal ghand il-Kummissarju tal-pulizija tal-RIU taht it-tmexxija ta PS 601 li kienu PC 8, PC 331, PC 1113, PC 681, PC 1142, PC 86, PC 1359.

Jien Port facility security officer tal-VGT port li kellna incident dalghodu bl-immigranti illegali. Grazzi u prosit tal-hidma.

---

EXCELLENT AND PROMPT ACTION BY ST. JULIANS POLICE

It was thanks to the very rapid action of the St Julians Police team that another life was saved in collaboration with Fondazzjoni Sokkors Fil-Pront and Crisis Resolution Malta. Special thanks go to PS 1320 S. Axiaq, PC 901 C. Attard, WPC 398 S. Caruana, PS 1572 E. Cilia, and all those involved. These members of the Police force who do excellent work continue to be like all the other police, a part of our extended crisis team. The person involved is being cared for and is on the way to recovery. Once again, many congratulations. This goes to show how our Police Force truly cares about our community and especially those in crisis. It is great to know that these people are taking care of us all.

Don't suffer in silence. Reach out and let us help.

---

As Director of S&D Yachts Ltd we would like to commend The Impeccable Service and Assistance we receive on a daily basis especially from the following Police Immigration Officers namely John Darmanin (PC1509) and Roderick Borg (PC 1175) stationed at the Police Immigration Office at the Msida Yacht Marina in Pieta.

Both John and Roderick were instrumental to say the least especially during the months when our Officers were closed during the months of the COVID 19 Pandemic and especially when we had a number of crew members being repatriated from Malta during trouble times caused by the Covid 19 Pandemic.

We would not have been able to assist our clients without their valued attention and service.

Thought we should bring this to your kind attention since in our opinion as a Maltese Nation at times we do not thank enough and show our appreciation to such Police Officers who carry out their duties in such a correct and pleasantly manner.

---

A friend sent me this message: Thanks to PC 877 and PC 1009 for stopping and helping me while changing a puncture in the middle of the road.

---

I would like to extend my thanks to that kind policeman PS 1257, WPC 392 stationed at Luqa who helped in opening the door to my flat so that the ambulance could get to me. He helped in saving my life. Pls inform his superior how grateful I am and indebted to him.

Vera thank you mill-qalb ghax kieku kont imut.

---

F'isem il-familja u f'isem ir-residenti ta' , Fgura, nixtieq nghid grazzi u proset kbira lill-Pulizija tad-Distrett taghna, kif ukoll lill-Pulizija tal-IRU li fl-4am gew jassistu lill-familja, wara li kien hemm xi nirien u spluzjoni kbira fl-appartament taghhom. Il-qlubija li urew hekk kif kienu l-ewwel li wasslu fuq il-post kienet tremenda. B'sogru kbir ghal hajjithom qabdu u dahlu fl-appartament biex jaghtu l-ewwel ghajnuna minkejja li kien hemm nirien qawwija.

---

Good Morning, can you please send a message to officer 1350 at Mosta Police Station, one year ago today he helped save my husbands life on the car park outside the police station when he had a cardiac arrest, he with a lady police officer took me to the hospital and stayed with me until we got news was alive, in the days that followed he phoned to check on his progress, from the bottom of my heart I want to say a big thank you, I will never forget his kindness, and to let him know is fine and also sends his gratitude. I don't know his name, but he is a credit to the Malta police force.

---

GOOD people still exist in this world.

So today I accidentally dropped a cheque close to b'Kara vat department. Someone picked it up and went to hand it to the B'kara Police Station. If they went by foot its not close by and if they went by car its not easy to find parking there so I appreciate even more. My mum called me on my work phone cause my personal mobile was silent, and told me that the B'Kara police actually came to my house to hand the lost cheque to me but since I was not home they told her they had something I lost and that I should go collect it from the station.

I was brought up to respect the Police Force (and my authority) and now I appreciate and respect them even more. Thank you to the person that collected and gave the cheque to the police and thanks to the Police squad in B'Kara for going out of their way and actually try and deliver it directly to me.


E-mail: sales@pincottsecurity.com
Tel: 21330200 - 21343908
36.5° C
36.3° C
36.7° C
€3,100.00 + VAT
Pincott Security Ltd.
No.185, Triq Rue D'Argens
Msida
SAFER, FASTER, SMARTER
Fever Screening Thermal Detection Camera
1s Measurement
AI Algorithm
Contact-Free
Multi-Person Detection


medcomms
MARINE ELECTRONICS
2133 5521 - 2133 0147
info@medcomms.com.mt
FIND US ON FACEBOOK
GARMIN MALTA
beat yesterday.
Good Job!
15:01
Thursday:
Hill Workout
ALEX
10:10
GARMIN
Now is the perfect time to move


SURPLUS & ADVENTURE
EQUIPMENT STORES
MOSTA | FGURA
SHOP ONLINE
WWW.SURPLUSADVENTURE.COM
LOWA
HI-TEC
MAGNUM
muvi
VEGA HOLSTER
PETZL
10% DISCOUNT ON PRESENTATION OF THE MALTA POLICE FORCE BADGE
MOSTA
MAIN STR
2142 0454
FGURA
ZABBAR RD
2122 1582
LIKE US ON
facebook
GIFT
VOUCHERS
AVAILABLE
AT OUR STORES


alRock
POWERED BY PEOPLE WITH LONG HAIR
BROADCASTING ON DAB+
WITH
HIGH DEFINITION
AUDIO QUALITY
DigiBNETWORK


ToyBeez
www.toybeez.com
Peg-Pérego
Cousins Trading Limited
Trade Enquiries 21446967 99495366


THE MALTA NATIONAL
AQUARIUM
YOURS TO DISCOVER
WWW.AQUARIUM.COM.MT
INFO@AQUARIUM.COM.MT | TEL:2258 8100
JOIN US ON FACEBOOK.COM/MALTANATIONALAQUARIUM
VALID UPON PRESENTATION OF THIS ADVERT
€3
DISCOUNT

# PAĠNA GĦAT-TFAL

Annaliese Romijn
4 snin



